# Malta għandha tappoġġja Emission Control Area fil-Baħar Mediterran għal arja aktar nadifa

## BirdLife Malta tappella lill-Ministru għall-Ambjent biex jappoġġja mozzjoni tal-COP22

Proposta biex il-Baħar Mediterran jiġi ddikjarat bħala żona fejn il-vapuri jkunu obbligati jaqilbu fuq fuel aktar nadif s'issa kisbet l-appoġġ ta' diversi stati tal-Mediterran, b'Malta għadha ma ddikjaratx il-pożizzjoni tagħha dwar din il-mozzjoni. Uffiċjali tal-Ministeru għall-Ambjent li se jattendu l-COP22 – il-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona – li se ssir f'Antalya l-ġimgħa d-dieħla (7-10 ta' Diċembru), qed jiġu mħeġġa jappoġġjaw il-ħolqien ta' Emission Control Area (ECA) għall-emissjonijiet tal-kubrit.

Il-ħolqien ta' Emission Control Area fil-Mediterran (MedECA) issa ilu snin jiġi diskuss u promoss minn diversi msieħba fir-reġjun tal-Mediterran. It-twaqqif ta' żona bħal din ikun ifisser li kull bastiment (minn vapuri tal-merkanzija sa cruise liners) li jgħaddi mill-Mediterran jew jieqaf f'portijiet bħall-Port il-Kbir u l-Port Ħieles ta' Malta, jużа fuel b'kontenut inqas ta' kubrit. Il-benefiċċju aħħari ta' dan ikun tnaqqis fl-emissjonijiet ta' ossidi tal-kubrit (SOx) fl-arja. Emissjonijiet tal-kubrit fl-arja huma assoċjati ma' impatt negattiv fuq is-sistema respiratorja tal-bniedem kif ukoll ma' effetti negattivi fuq il-veġetazzjoni, l-ilma ħelu, il-ħamrija, u l-istat ġenerali tal-ekosistemi.

Il-proposta li qed titressaq għall-vot hija amenda għal Regolament 14 tal-Anness VI tal-MARPOL, regolamenti li jiffurmaw parti minn konvenzjoni internazzjonali dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri, irregolata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). Ir-riżultat aħħari jkun Sulphur Emission Control Area (SECA) – meqjusa bħala l-ewwel pass f'bidla gradwali lejn fuels aktar nodfa mit-tbaħħir li eventwalment twassal għal aktar tnaqqis anke fil-kontenut ta' nitroġenu, kif ġara fl-Ewropa bit-twaqqif ta' Sulphur u Nitrogen Emission Control Areas fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baltiku.

Malta għandha wieħed mill-akbar reġistri tat-tbaħħir fid-dinja u bil-qagħda strateġika tagħha preċiżament fin-Nofsinhar tar-rotot prinċipali tat-tbaħħir bejn il-Kanal ta' Suez u Ġibiltà, għandha pożizzjoni influwenti ħafna kemm fuq livell Mediterranju kif ukoll globali. Laqgħat li saru ma' uffiċjali tal-Ministeru għall-Ambjent biex Malta tkun imħeġġa tappoġġja l-mozzjoni, s'issa ma wasslux biex Malta tikkommetti ruħha fuq din il-materja, bl-uffiċjali jesprimu tħassib dwar l-impatt ekonomiku ta' miżura bħal din.

Madanakollu, esperti tal-grupp Together Against Air Pollution from Ships li BirdLife Malta tifforma parti minnu, xejnu dawn il-biżgħat u spjegaw kif kwalunkwe żieda li jista' jkun hemm fl-ispejjeż tat-tbaħħir kaġun tal-bidla lejn fuel aktar nadif tkun negliġibbli għall-konsumatur, bil-benefiċċji għas-saħħa f'termini ta' problemi assoċjati mat-tniġġis mill-arja jiżbqu bil-kbir bidla bħal din anke mill-aspett ekonomiku. Għall-kontrolli tal-emissjonijiet fil-Mediterran, l-istima tal-benefiċċji monetarji tlaħħaq sa €10 biljun fis-sena fl-2030 li jiżdiedu għal kważi €30 biljun fis-sena fl-2050. Il-qbil fuq il-ħolqien ta' ECA fil-Baħar Mediterran jista' jwassal ukoll biex jiġu evitati bejn 3,100 u 4,100 mewta qabel iż-żmien kull sena fl-2030.

BirdLife Malta reġgħet indirizzat din il-kwistjoni f'ittra li bagħtet aktar kmieni din il-ġimgħa lill-Ministru Aaron Farrugia, hekk kif il-pożizzjoni ta' Malta dwar din il-materja jidher li baqgħet ma nbidlitx. F'kummenti dwar dan, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Waqt li l-vot li jipproponi li titwaqqaf Sulphur Emission Control Area fil-Baħar Mediterran mistenni jikseb l-appoġġ ta' ħafna mill-istati tal-Mediterran, aħna nixtiequ naraw li Malta tkun fuq in-naħa t-tajba tal-istorja fl-isforzi biex ikollna arja aktar nadifa fil-portijiet u eżatt barra x-xtut tagħna. Inħeġġu lill-Ministru Farrugia biex jieħu pożizzjoni favur din il-mozzjoni mingħajr l-ebda eżitazzjoni, waqt li jżomm f'moħħu l-eluf ta' ċittadini li jgħixu mad-dawra tal-portijiet tagħna." Il-vot fuq it-twaqqif ta' MedECA għall-kubrit mistenni jittieħed fit-8 ta' Diċembru.

Iċ-Ċentru Reġjonali tal-Mediterran għal Intervent f'każ ta' Emerġenza kontra t-Tniġġis Aċċidentali tal-Baħar (REMPEC), li huwa organu tal-IMO, aktar kmieni din is-sena ħareġ video dwar dan is-suġġett, li juri kif Malta ma ħaditx pożizzjoni favur din il-mozzjoni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Note għall-edituri:**
Biex niddiskuktu l-benefiċċji ta' MedECA u l-ħtieġa li jiġi inkluż l-NOx fid-deċiżjoni tal-istati tal-Mediterran għall-Konvenzjoni ta' Barċellona qed nistednuk għal taħdita diġitali li se ssir nhar it-Tnejn li ġej biex membri tan-netwerk tagħna jipprovdu l-isfond fuq din il-materja. Wara se jkun hemm diskussjonijiet fi gruppi iżgħar ma' esperti mill-Italja, Franza, il-Greċja u Malta. Jekk int interessat tieħu sehem ġentilment nitolbuk tirreġistra billi tibgħat email lil ports@NABU.de. Tirċievi ħolqa għaż-Zoom permezz tal-email.

Data: *06 ta' Diċembru 2021, 13:30 -15:00 CET*
Post: *Zoom*
Ma': *Anna Gerometta - Cittadini per L'Aria, Italy*
*Sylvie Platel – FNE, France*
*Vasilis Papadopoulos - Hellenic Ornithological Society/ Birdlife Greece*
*Nicholas Barbara – BirdLife Malta*
*Kare Press-Kristensen – Green Transition Denmark*
*Beate Klünder – NABU Federal Office, Germany*
*Christian Kopp – NABU Federal Office, Germany*

**Holoq utli:**
- Il-MedECA Project: https://en.nabu.de/topics/traffic/eca/index.html

**Ritratt mehmuż:**
1. Snapshot meħud il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2021 filgħodu li juri bastimenti tal-merkanzija u vapuri oħra tal-passiġġieri għaddejjin mir-rotta prinċipali tal-Mediterran bejn Suez u Ġibiltà. Ir-rotta prinċipali ta' tbaħħir tinsab fit-Tramuntana ta' Malta bejn Malta u Sqallija u l-emissjonijiet f'din ir-rotta popolari jistgħu jiġu influwenzati bil-pożizzjoni ta' Malta u l-vot tagħha waqt il-COP22. *(Sors: marinetraffic.com)*
2. Tniġġis tal-arja mill-vapuri fil-Port il-Kbir (Ritratt ta' Alexandr Krushlinsky)
3. Tniġġis mill-vapuri fil-Port Hieles ta' Malta (Ritratt ta' Alice Tribe)

**Ara l-filmati fuq YouTube: https://youtu.be/GsstvwwvOgg**
**Niżżilhom minn hawn: https://we.tl/t-IP3unGK2uJ**
- Video tar-REMPEC li juri kif Malta ma ħaditx pożizzjoni favur il-mozzjoni